32000R1897

8.9.2000 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 228/18

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1897/2000

## tas-7 ta' Settembru 2000

## li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizazzjoni ta' stħarriġ kampjun fuq il-forza tax-xogħol fil-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam mad-definizzjoni tal-qgħad

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun fuq il-forza tax-xogħol fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 577/98, iridu jitfasslu d-definizzjoni tal-fatturi kif ukoll il-lista ta' prinċipji għall-formulazzjoni ta' mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu mal-istat tax-xogħol.

(2) Sabiex l-istatistika dwar l-impjiegi tkun komparabbli fuq livell internazzjonali l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità għandhom ikejlu x-xogħol u l-qgħad skond id-definizzjoni ta' xogħol u ta' qgħad ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

(3) Il-Kummissjoni teħtieġ indikaturi komparabbli biex issegwi u tqis il-progress li jsir bħala effett ta' l-implimentazzjoni tal-Linjigwida tax-Xogħol ([2]).

(4) Għalhekk hija meħtieġa definizzjoni komuni tal-qgħad fl-Istati Membri kollha, flimkien ma' armonizzazzjoni ikbar tal-kwestjonarji ta' stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol.

(5) Il-miżuri maħsuba b'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' Statistika mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-definizzjoni ta' qgħad hija mniżżla fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-prinċipji għat-tfassil tal-mistoqsijiet dwar l-istat tax-xogħol huma mniżżla fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

1. Il-mistoqsijiet dwar l-istat tax-xogħol għall-għanijiet ta' l-istħarriġ kampjun fuq il-forza tax-xogħol fil- Komunità għandhom jikkonformaw mal-prinċipji mniżżla fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, u jippermettu l-kejl tal-qgħad kif definit fl-Anness I tal-imsemmi Regolament.

2. Madankollu, il-paragrafu 1 jista' ma japplikax matul iż-żmien meħtieġ biex jiġi adatt l-istħarriġ kampjun fuq il-forza tax-xogħol. F'dan il-każ, l-Istati Membri flimkien mat-trasmissjoni tar-riżultati ta' l-istħarriġ kampjun fuq il-forza tax-xogħol fil-Komunità li għandhom jibagħtu lill-Eurostat għandhom ukoll jindikaw b'mod ċar fejn hemm nuqqas ta' qbil mad-definizzjoni u mal-prinċipji msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Settembru 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Pedro SOLBES MIRA

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, p. 3.
([2]) ĠU C 69, tat-12.3.1999, p. 2.
([3]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

*ANNESS I*

**Stħarriġ fuq il-forza tax-xogħol: definizzjoni ta' qgħad**

1. Skond l-*istandards* adottati mill-ILO mit-13 u l-14-il Konferenza Internazzjonali tal-Istatistiċi tax-Xogħol (ICLS), għall-għanijiet ta' l-istħarriġ kampjun fuq il-forza tax-xogħol tal-Komunità, persuni qiegħda huma dawk il-persuni bejn l-età ta' 15-il sena u 74 sena li kienu:

   (a) mingħajr xogħol matul il-ġimgħa ta' riferenza, jiġifieri la kellhom impjieg u lanqas ma kienu fuq ix-xogħol (għal siegħa jew iktar) f'impjieg bi ħlas jew iħaddmu lilhom infushom;

   (b) korrentement disponibbli għax-xogħol, jiġifieri kienu disponibbli għal xogħol bi ħlas jew li jħaddmu lilhom infushom qabel it-tmiem tal-ġimagħtejn ta' wara l-ġimgħa ta' riferenza;

   (ċ) ifittxu x-xogħol attivament, jiġifieri tul l-erba' gimgħat li għalqu bil-ġimgħa ta' riferenza kienu ħadu passi speċifiċi biex ifittxu impjieg jew xogħol għal rashom jew li sabu impjieg li jibda iktar tard, jiġifieri l-aktar fi żmien tliet xhur.

   Għall-għanijiet tal-punt 1(ċ), dawn li ġejjin jitqiesu bħala passi speċifiċi:

   — li jkun għamel kuntatt ma' uffiċċju pubbliku ta' l-impjiegi *biex isib ix-xogħol*, irrespettivament ta' min ħa l-inizjattiva (tiġdid ta' reġistrazzjoni għal għanijiet amministrattivi biss mhix pass attiv),

   — li jkun għamel kuntatt ma' aġenzija privata (aġenzija għal xogħol temporanju, ditta li tispeċjalizza fl-ingaġġ, eċċ.) biex isib ix-xogħol,

   — li japplika direttament lil min iħaddem,

   — li jistaqsi ħbieb, qraba, *unions*, eċċ., biex isib ix-xogħol,

   — li jagħmel jew iwieġeb avviżi dwar xogħol,

   — li jifli avviżi dwar xogħol,

   — li jagħmel test jew eżami għall-ingaġġ jew li joqgħod għal *interview*,

   — li jfittex artijiet, fondi jew tagħmir,

   — li japplika għal permessi, liċenzji jew riżorsi finanzjarji.

2. It-tagħlim u t-taħriġ huma meqjusa bħala mezzi biex itejbu l-ħila li ssib ix-xogħol imma mhux bħala mezzi ta' tfittxija għax-xogħol. Persuni mingħajr xogħol u li qiegħdin isegwu xi tagħlim jew taħriġ jiġu klassifikati bħala qiegħda biss jekk ikunu "korrentement disponibbli għax-xogħol" u "ifittxu x-xogħol", kif definiti fil-punti 1(b) u (ċ).

3. Nies mogħtija s-sensja temporanjament huma klassifikati bħala qiegħda jekk ma jirċevux xi paga jew salarju sinjifikanti (sinjifikanti tfisser >=50 %) minn min iħaddimhom u jekk huma "korrentement disponibbli għax-xogħol" u "qed ifittxu x-xogħol". Nies mogħtija s-sensja temporanjament jitqiesu bħala impjegati fuq *leave* bla ħlas mogħti minn min iħaddem - inkluż il-*leave* imħallas mill-estimi tal-gvern jew minn fondi (is-16-il ICLS). F'dan il-każ, nies mogħtija is-sensja temporanjament jiġu klassifikati bħala impjegati jekk ikollhom data miftiehma għal meta jerġgħu lura għax-xogħol u jekk din id-data taħbat fi żmien tliet xhur.

4. Matul l-istaġun meta jonqos ix-xogħol, ħaddiema okkażjonali ma jistgħux jitqiesu bħala li żammew rabta formali max-xogħol tagħhom ta' żmien l-istaġun ta' ħafna xogħol - għaliex ma jibqgħux jieħdu paga jew salarju minn min iħaddimhom minkejja li jkollhom iċ-ċertezza-li se jerġgħu lura għax-xogħol. Jekk ma jkunux jaħdmu fl-istaġun ta' nuqqas ta' xogħol, jiġu klassifikati bħala qiegħda biss jekk ikunu "korrentement disponibbli għax-xogħol" u "ifittxu x-xogħol", kif definiti fil-punti 1(b) u (ċ).

*ANNESS II*

**Stħarriġ fuq il-forza tax-xogħol: prinċipji għat-tfassil tal-mistoqsijiet dwar l-istat tax-xogħol**

1. Il-mistoqsijiet dwar l-istat tax-xogħol skond id-definizzjoni ta' l-ILO (jaħdem, qiegħed jew inattiv) huma ġeneralment l-ewwel mistoqsijiet fil-kwestjonarju individwali, li jidħlu eżatt wara l-mistoqsijiet dwar il-karatteristiċi demografiċi tal-membri tal-familja. B'mod partikolari, ma għandux ikun hemm qabilhom mistoqsijiet dwar l-attivita' prinċipali jew solita (student, xogħol tad-dar, irtirat, eċċ.) jew dwar l-istat amministrattiv ta' reġistrazzjoni fl-uffiċċju pubbliku għall-impjiegi biex jintalab benefiċċji għal qgħad, fejn dan ikun ta' preġudizzju għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar l-istat tax-xogħol abbażi ta' l-ILO.

   Fil-każ ta' *dependent interviewing* f'serje ta' intervisti iktar tard u meta l-istat tax-xogħol bħala persuna impjegata jew inattiva huwa mid-dehra permanenti jew stabbli, l-istat tagħhom tax-xogħol jista' jiġi verifikat malajr billi ssir riferenza għall-istat tagħhom fis-serje ta' intervisti ta' qabel.

2. Is-sekwenza tal-mistoqsijiet dwar ix-xogħol tikkonsisti f'mill-inqas żewġ mistoqsijiet separati: mistoqsija waħda dwar il-fatt li korrentement qed jaħdem u mistoqsija oħra dwar il-fatt li jkollu impjieg meta jkun temporanjament assenti minn fuq ix-xogħol (persuni bil-*leave*). Il-mistoqsija dwar jekk huwiex jaħdem għandha tiġi qabel il-mistoqsija dwar jekk għandux impjieg sabiex il-kuntrast bejn iż-żewġ mistoqsijiet jikkontribwixxi għal identifikazzjoni sħiħa tal-persuni assenti temporanjament.

   L-identifikazzjoni ta' persuni mogħtija s-sensja temporanjament (*leave* bla ħlas fuq inizjattiva ta' min iħaddem) u l-klassifikazzjoni tagħhom bħala persuni li jaħdmu (jew qiegħda) tiddependi minn żewġ kundizzjonijiet dwar rabta formali max-xogħol: assigurazzjoni li jerġa' lura għax-xogħol wara t-tmiem tal-kontinġenza u t-tul qasir taż-żmien (≤ 3 xhur) tas-sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol. Iż-żewġ kundizzjonijiet isiru magħrufa permezz ta' mistoqsija li tiġi wara l-mistoqsija dwar ir-raġuni għall-assenza temporanja tagħhom jew ir-raġuni għaliex ma fittxewx xogħol fl-erba' ġimgħat ta' qabel jew bil-kategoriji ta' tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet.

3. Il-mistoqsijiet dwar l-impjieg u t-tfittxija għax-xogħol irid ikun fihom bekkata li twassal għall-identifikazzjoni ta' persuni b'xogħol minuri ta' ftit sigħat jew ta' saħansitra siegħa waħda.

4. Il-mistoqsijiet dwar l-impjieg irid ikun fihom bekkata li twassal għall-identifikazzjoni ta' ħaddiema tad-dar li ma jitħallsux. Inkella, jiġu identifikati b'mistoqsija separata dwar il-fatt li jaħdmu.

5. Il-mistoqsijiet dwar l-imjieg jridu jindikaw biċ-ċar illi xogħol bi ħlas jew għall-qligħ biss jitqies bħala attivita ekonomika skond il-kwadru ta' l-ILO.

6. Il-perjodu ta' riferenza tax-xogħol irid ikun speċifikat biċ-ċar. Il-mistoqsija dwar l- impjieg tirreferi bħala regola ġenerali għall-aħħar ġimgħa, definita bħala "mit-Tnejn sal-Ħadd", filwaqt li tingħata d-data eżatta. Il-perjodi ta' riferenza għat-tfittxija u d-disponibilità għax-xogħol iridu jkunu speċifikati biċ-ċar. Iż-żewġ mistoqsijiet dwar tfittxija għax-xogħol u metodi ta' tfittxija għax-xogħol jirreferu għall-erba' ġimgħat ta' qabel inkluża l-ġimgħa ta' riferenza u l-mistoqsija dwar id-disponibbilità għall-perijodu sat-tmiem tal-ġimgħatejn ta' wara l-ġimgħa ta' riferenza.

7. Il-persuni kollha li jkun ġew mistoqsija l-mistoqsijiet dwar impjieg u kienu identifikati bħala mingħajr impjieg issirilhom il-mistoqsija dwar it-tfittxija għax-xogħol. L-ebda mistoqsija-filtru oħra ma għandha tiġi qabel din il-mistoqsija. Fil-każ ta' *dependent interviewing* f'serje ta' intervisti iktar tard u meta l-istat tax-xogħol bħala persuna taħdem jew inattiva huwa mid-dehra permanenti jew stabbli, l-istat tagħhom ta' xogħol jista' jiġi verifikat malajr billi issir riferenza għall-istat tagħhom fis-serje ta' intervisti ta' qabel.

8. Il-mistoqsija dwar tfittxija għax-xogħol għandha tirreferi għal kull skorz, anki mhux fuq bażi regolari, mill-persuna li twieġeb biex issib impjieg jew biex twaqqaf in-negozju tiegħu jew tagħha. L-għażla tal-kliem tal-mistoqsija trid tevita illi t-tfittxija kontinwa tul il-perjodu kollu ta' riferenza biss titqies bħala kundizzjoni biżżejjed għal tfittxija ta' mpjieg.

9. Il-mistoqsija dwar il-metodi ta' tfittxija għax-xogħol irid ikun fiha metodi ta' tfittxija attiva u tfittxija passiva. Dawn li ġejjin jitqiesu bħala metodi ta' tfittxija attiva:

   — li kien f'kuntatt ma' l-uffiċju pubbliku għax-xogħol biex isib impjieg,

   — li kien f'kuntatt ma' aġenzija privata biex isib impjieg,

   — li japplika direttament għand min iħaddem,

   — li jistaqsi ħbieb, qraba, *trade unions*, eċċ. biex isib impjieg,

   — li jagħmel jew iwieġeb avviżi dwar impjieg,

   — li jifli avviżi dwar impjieg,

   — li joqgħod għal test jew eżami ta' ingaġġ jew li joqgħod għal *interview*,

   — li jfittex artijiet, fondi jew tagħmir,

   — li japplika għal permessi, liċenzji jew riżorsi finanzjarji.

10. Il-"kuntatt mal-uffiċċju pubbliku għax-xogħol biex isib impjieg" huwa kuntatt fuq żewġ binarji. Jista' jinbeda mill-persuna reġistrata bħala qiegħda jew mill-uffiċċju ta' l-impjiegi. Dan il-kuntatt irid jitqies bħala l-ewwel (kategorija ta' tweġiba fil-) mistoqsija dwar metodi ta' tfittxija għax-xogħol. Huwa distint mit-tiġdid amministrattiv ta' reġistrazzjoni biex jintalbu benefiċċji tal-qgħad (meta qablu ma kienx hemm perjodu ta' xogħol jew ta' inattività). Tingħażel ukoll mill-għajnuna provduta mill-uffiċċju ta' l-impjiegi biex tittejjeb il-ħila ta' persuna reġistrata bħala qiegħda biex issib impjieg. Il-"kuntatt mal-uffiċċju pubbliku għax-xogħol biex isib impjieg" bħala pass attiv jinvolvi biss:

— it-tniżżil ta' isem min iwieġeb fil-fajl ta' l-uffiċċju ta' l-impjiegi għall-ewwel darba (wara perjodu ta' mpjieg jew inattivita),

— it-tfittxija għal postijiet ta' mpjieg possibilment battala, jew

— "fuq l-inizjattiva ta' l-uffiċċju ta' l-impjiegi suġġeriment ta' opportunità ta' mpjieg", li tista' tiġi aċċettata jew rifjutata minn min ikun qiegħed ifittex impjieg.

11. Metodi ta' tfittxija ta' xogħol jingħataw numru sakemm ikunu msemmija mill-inqas tliet metodi attivi.

12. Persuni li korrentement huma qiegħda u li m'humiex ifittxu mpjieg għaliex diġa' sabu impjieg li jibda iktar tard, jiġifieri fi żmien ta' l-aktar tliet xhur iridu jiġu identifikati bħala kategorija għaliha.